# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fid-29 ta' Novembru 2018[1]

**Kawża C-635/17**

**E.**
**vs**
**Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Haarlem (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Politika tal-immigrazzjoni – Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja – Direttiva 2003/86/KE – Riunifikazzjoni tal-familja għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali – Artikolu 11(2) – Oneru u livell ta' prova meħtieġa sabiex jintwerew ir-rabtiet tal-familja – Assenza ta' dokumenti ta' sostenn uffiċjali – Regola proċedurali nazzjonali li tippermetti li tiġi miċħuda l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja meta l-isponsor ma jispjegax b'mod plawżibbli l-assenza ta' dawn id-dokumenti – Ammissibbiltà"

## I. Introduzzjoni

1. Awtorità nazzjonali tista' tirrifjuta applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja minn benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fejn dan ma spjegax b'mod plawżibbli r-raġunijiet għalfejn ma jistax jippreżenta atti tal-istat ċivili li jiċċertifikaw l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja?

2. Dan huwa, essenzjalment, is-suġġett tad-domanda preliminari li tagħmel ir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Haarlem (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi) lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja fir-rigward ta' wild minuri ta' nazzjonalità Eritrea, li l-filjazzjoni tiegħu ma tistax tiġi ppruvata mill-isponsor[2] permezz tal-atti tal-istat ċivili meħtieġa.

3. Din il-kawża tipprovdi l-okkażjoni, għall-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet partikolari li huma indirizzati lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għall-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għar-riunifikazzjoni tal-familja u, b'mod partikolari, dwar l-oneru u l-livell ta' prova meħtieġ sabiex tintwera l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja, previsti fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 L-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2003/86/KE tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224), tiddefinixxi "sponsor" bħala "ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod legalment fi Stat Membru u li japplika jew il-membri tal-familja tiegħu japplikaw għal riunifikazzjoni tal-familja biex jingħaqdu miegħu/magħha".

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, b'mod partikolari, tiddetermina l-portata tad-dmir ta' kooperazzjoni fuq l-isponsor u l-awtorità nazzjonali kompetenti għall-għanijiet li jiġu stabbiliti dawn ir-rabtiet. B'mod partikolari, għandha tagħmel evalwazzjoni bbilanċjata tal-interessi kollha involuti, b'kunsiderazzjoni, minn naħa, tad-diffikultajiet partikolari li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jistgħu jaffaċċjaw, minħabba l-istatus tagħhom u s-sitwazzjoni tagħhom, biex jipproduċu jew jiġbru dokumenti uffiċjali mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom u, min-naħa l-oħra, tar-riskji marbuta ma' strumentalizzazzjoni tal-proċedura tar-riunifikazzjoni tal-familja bil-għan li jiġu legalizzati b'mod abbużiv, id-dħul jew ir-residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz fi Stat Membru.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

5. Id-Direttiva 2003/86 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja li minnu jibbenefikaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment fit-territorju tal-Istati Membri.

6. Il-premessi 2 u 8 ta' din id-direttiva huma fformulati kif ġej:

"(2) Miżuri dwar riunifikazzjoni tal-familja għandhom ikunu adottati b'konformità ma' l-obbligu tal-protezzjoni tal-familja u ir-rispett għall-ħajja tal-familja minquxa f'ħafna strumenti tal-liġi internazzjonali. Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti b'mod partikulari fl-Artikolu 8 tal-[Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950] u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

[…]

(8) Attenzjoni speċjali għandha tingħata lis-sitwazzjoni ta' refuġjati minħabba r-raġunijiet li jobbligawhom jaħarbu pajjiżhom u jimpeduhom milli jgħixu ħajja tal-familja normali hemm. Kondizzjonijiet iktar favorevoli għandhom għalhekk ikunu preskritti għall-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għar-riunifikazzjoni tal-familja."

7. Fil-Kapitolu III ta' dik id-direttiva, dwar is-sottomissjoni u l-eżami tal-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja, l-Artikolu 5(2) u (5) jipprovdi:

"2. L-applikazzjoni għandha tkun akkompanjata b'evidenza dokumentarja tar-relazzjoni familjali u ta' konformita mal-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 4 u 6 u, fejn applikabbli, l-Artikoli 7 u 8, kif ukoll kopji ċċertifikati tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar tal-membru(i) tal-familja.

Jekk xieraq, biex tinkiseb evidenza li teżisti relazzjoni familjali, Stati Membri jistgħu jeżegwixxu intervisti ma' l-isponsor u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha u jmexxu investigazzjonijiet oħra li instabu li jkunu meħtieġa.

[…]

5. Meta tkun eżaminata applikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-attenzjoni dovuta għall-aħjar interessi ta' tfal minorenni."

8. Fil-Kapitolu V tad-Direttiva 2003/86, dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja tar-refuġjati, l-Artikolu 10(2) jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw riunifikazzjoni tal-familja ta' membri oħra tal-familja li ma jirreferix għalihom l-Artikolu 4, jekk huma dipendenti fuq ir-refuġjat."

9. L-Artikolu 11 ta' din id-direttiva, li tiegħu qed tintalab l-interpretazzjoni, jipprovdi:

"1. L-Artikolu 5 għandu japplika għas-sottomissjoni u eżami ta' l-applikazzjoni, suġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Fejn refuġjat ma jistax jipprovdi xiehda dokumentarja uffiċjali tar-relazzjoni familjali, l-Istati Membri għandhom iqisu xiehda oħra, li għandha tkun stmata skont il-liġi nazzjonali, ta' l-eżistenza ta' din ir-relazzjoni. Deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni tista' ma tkunx ibbażata biss [ma tistax tkun ibbażata biss] fuq il-fatt li provi dokumentati jkunu nieqsa."

10. Fil-Kapitolu VII ta' din id-direttiva, dwar is-sanzjonijiet u rimedji, l-Artikolu 17 huwa fformulat f'dawn it-termini:

"L-Istati Membri għandhom iqisu n-natura u s-solidità tar-relazzjonijiet familjali tal-persuna u t-tul tar-residenza tiegħu (tagħha) fl-Istat Membru u ta' l-eżistenza ta' rbit familjali, kulturali u soċjali ma' pajjiżu/a ta' oriġini fil-każ li huma jiċħdu applikazzjoni, jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu permess ta' residenza jew jiddeċiedu li jordnaw it-tneħħija ta' l-isponsor jew membri tal-familja tiegħu."

### *B. Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi*

11. Id-Direttiva 2003/86 ġiet trasposta fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi permezz tal-Wet tot algehele herziening van de Vreemdelingenwet (il-Liġi dwar Reviżjoni Ġenerali tal-Liġi fuq il-Barranin)[3], tat-23 ta' Novembru 2000.

12. Skont l-Artikolu 29(2) ta' din il-liġi, minuri għandu dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ma' ġenitur benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jekk l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja tressqet fi żmien tliet xhur mill-għoti ta' din il-protezzjoni. Din id-dispożizzjoni tapplika meta l-minuri kkonċernat huwa pupill li miegħu l-isponsor għandu rabtiet tal-familja effettivi.

13. Il-prattika leġiżlattiva dwar il-prova tar-rabtiet tal-familja hija speċifikata fil-Vreemdelingencirculaire 2000 (Iċ-Ċirkulari tas-Sena 2000 dwar il-barranin) kif ukoll il-Werkinstructie 2014/9 (Istruzzjoni Pubblika tas-Servizz Nru 2014/9) tal-Immigratie- en Naturalisatiedienst (Is-Servizz tal-Immigrazzjoni u tan-Naturalizzazzjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi)[4].

14. Skont din il-leġiżlazzjoni, l-isponsor għandu juri li l-persuna li magħha tintalab ir-riunifikazzjoni verament kienet parti mill-familja tiegħu qabel il-wasla tagħha fil-Pajjiżi l-Baxxi u li din ir-rabta tal-familja ma nkisritx. F'dan ir-rigward, huwa għandu jikkonferma, permezz ta' dokumenti uffiċjali, l-identità ta' din il-persuna (passaport, karta tal-identità, dikjarazzjoni ta' nazzjonalità, kotba tas-servizz, eċċ.) u għandu juri r-realtà u l-effettività tar-rabta familjari li torbtu ma din tal-aħħar

3 Stb. 2000, Nru 495.

4 Din ġiet issostitwita mill-Werkinstructie 2016/17 (Istruzzjoni Pubblika tas-Servizz Nru 2016/17).

(pereżempju, att taż-żwieġ, dikjarazzjoni tat-twelid, ktieb tal-familja, att tal-mewt, eċċ.), u dan kemm fir-rigward ta' wild li l-filjazzjoni tiegħu hija bijoloġika kif ukoll fir-rigward ta' wild adottat jew pupill[5]. L-isponsor għandu wkoll jiġi mistieden jipprovdi, mal-applikazzjoni tiegħu, kwalunkwe dokument ieħor ta' natura li juri l-eżistenza ta' dik ir-rabta tal-familja.

15. Meta l-isponsor jitlob ir-riunifikazzjoni tal-familja ma' pupill, l-effettività ta' din ir-rabta għandha tiġi evalwata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari r-raġunijiet għaliex il-pupill intlaqa' fil-familja. Jekk l-isponsor ma jasalx biex jipprovdi dokumenti uffiċjali, il-leġiżlatur nazzjonali jeżiġi minn dan tal-aħħar li juri b'mod plawżibbli li l-assenza ta' dawn id-dokumenti ma hijiex tort tiegħu[6].

16. Fil-każ fejn l-awtorità nazzjonali kompetenti tippermetti, fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-isponsor, li dan ma jistax ikollu dokumenti uffiċjali li jiċċertifikaw l-effettività tar-rabta tal-familja, hija għandha twettaq l-evalwazzjoni tagħha fid-dawl ta' provi oħra pprovduti minn dan tal-aħħar, bħal ritratti, diplomi, kotba ta' tilqim jew dikjarazzjonijiet minn awtorità reliġjuża, jekk investigazzjonijiet iktar fil-fond, bħal intervisti li jinkludu mistoqsijiet dwar identifikazzjoni jew testijiet tad-DNA magħmula fi ħdan rappreżentazzjonijiet konsulari tal-Pajjiżi l-Baxxi, ikunu meħtieġa.

17. Min-naħa l-oħra, jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkunsidra li l-isponsor ma spjegax b'mod plawżibbli r-raġunijiet għaliex huwa ma jkollux dokumenti uffiċjali li jiċċertifikaw l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja u tqis, barra minn hekk, li l-provi l-oħra pprovduti minn dan tal-aħħar huma insuffiċjenti, ma hijiex obbligata li tgħaddi għal dawn il-miżuri ta' investigazzjonijiet addizzjonali u tista', għalhekk, tiċħad l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja.

## III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18. L-isponsor hija persuna ta' nazzjonalità Eritrea u toqgħod ma' bintha fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-11 ta' Marzu 2015, l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi tawha l-benefiċċju tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja, kif ukoll, bis-saħħa ta' dan, permess ta' residenza.

### *A. L-eżami tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja mis-Segretarju tal-Istat*

19. Fis-16 ta' April 2015, l-isponsor ippreżentat applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja għall-benefiċċju tar-rikorrent, wild minuri ta' nazzjonalità Eritrea li twieled fl-1 ta' Lulju 2003 fl-Eritrea[7]. Hija ssostni li dan il-minuri huwa bin oħtha l-kbira u li, minn wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu meta kellu 5 snin, tpoġġa taħt l-awtorità tagħha. L-isponsor ħarbet mill-Eritrea fl-2013 biex, flimkien ma' bintha u dan il-minuri, tmur fis-Sudan. Madankollu, hija kienet obbligata tabbanduna lil dan tal-aħħar fis-Sudan waqt il-ħarba tagħha lejn il-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba n-nuqqas ta' flus. Il-minuri, li llum għandu 15-il sena, tħalla ma' konoxxenza fis-Sudan.

20. Huwa stabbilit li, f'din il-kawża, l-isponsor ma pprovdietx dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jiċċertifikaw l-identità tal-minuri kkonċernat, il-mewt tal-ġenituri tiegħu u t-tutela tagħha fuq dan tal-aħħar. Il-perizja li ngħatat dwar il-valur taċ-ċertifikat maħruġ għal dan il-għan mill-Front ta' Liberazzjoni tal-Eritrea wriet li dan id-dokument kien inħareġ minn awtorità li ma kellhiex kompetenza u l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi ppreċiża, waqt is-seduta, li dan kien dokument falz.

5 Iċ-ċirkulari tal-2000 dwar il-barranin tispeċifika fil-punt C2/4 li l-minuri kkonċernat jista' jkun ukoll pupill li miegħu l-isponsor għandu rabtiet tal-familja effettivi.

6 Ara, f'dan ir-rigward, l-ispjegazzjonijiet tas-Servizz tal-Immigrazzjoni u tan-Naturalizzazzjoni "The family reunification procedure for holders of an asylum residence permit", disponibbli fl-indirizz tal-Internet: https://ind.nl/Documents/GHA_Engels.pdf (p. 6, part 1, step 3).

7 Il-fatti stabbiliti f'dawn il-konklużjonijiet iqisu wkoll l-informazzjoni fil-fajl nazzjonali li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja.

21. Huwa stabbilit ukoll li l-iStaatssecretaris van Veiligheid en Justitie (is-Segretarju tal-Istat għas-Sigurtà u għall-Ġustizzja, il-Pajjiżi l-Baxxi)[8] indika matul il-proċedura kollha r-raġunijiet għaliex ir-rabta tal-familja ma kinitx stabbilita, u għalhekk talab lill-isponsor tispjega b'mod iddettaljat u speċifiku r-raġunijiet għaliex hija ma kinitx fil-pussess tal-atti uffiċjali meħtieġa.

22. Is-Segretarju tal-Istat sostna li ma kienx hemm spjegazzjoni plawżibbli għall-assenza ta' dokumenti li jiċċertifikaw l-identità tal-minuri peress li, skont ir-rapport ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Eritrea stabbilit mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO)[9], l-Eritrea toħroġ karti tal-identità, ċertifikati tal-iskola, ċertifikati tal-istudenti u ċertifikati ta' residenti. B'risposta għall-argumenti esposti f'dan ir-rigward mill-isponsor, is-Segretarju tal-Istat ma kompliex joġġezzjona għall-assenza ta' dawn id-dokumenti.

23. Madankollu, huwa għamel sensiela ta' mistoqsijiet addizzjonali lill-isponsor sabiex jistabbilixxi r-raġunijiet u n-natura tar-rabtiet li jgħaqqdu lill-minuri kkonċernat magħha, u hija rrispondiethom permezz ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tagħha.

24. Min-naħa l-oħra, is-Segretarju tal-Istat żamm il-pożizzjoni tiegħu li ma kien hemm l-ebda spjegazzjoni plawżibbli għall-assenza ta' dokumenti uffiċjali li jiċċertifikaw il-mewt tal-ġenituri bijoloġiċi tal-minuri kkonċernat u t-tutela tal-isponsor fuq il-minuri kkonċernat. Fil-fehma tiegħu, jirriżulta wkoll mir-rapport ta' informazzjoni tal-EASO li l-Eritrea toħroġ atti ta' mewt kif ukoll atti ta' tutela. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, għalhekk ma qiesx li kien neċessarju li jiġu adottati miżuri ta' investigazzjonijiet addizzjonali, bħal li ssir intervista li tinvolvi mistoqsijiet ta' identifikazzjoni, u ċaħad l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Mejju 2016. Barra minn hekk, permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ottubru 2016, ċaħad bħala infondat l-ilment imressaq mill-isponsor kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Mejju 2016.

25. Għaldaqstant l-isponsor ippreżentat rikors fil-qorti tar-rinviju.

### *B. Ir-rikors ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju*

26. Quddiem il-qorti tar-rinviju, is-Segretarju tal-Istat isostni li l-proċedura segwita hija konformi mal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kliem użat mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-ewwel frażi tas-sentenza ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fehma tiegħu, l-espressjoni "[f]ejn refuġjat ma jistax jipprovdi xiehda dokumentarja uffiċjali tar-relazzjoni familjali" jimplika li l-isponsor għandu jipprovdi spjegazzjoni plawżibbli fir-rigward tal-assenza ta' tali dokumenti. B'hekk, is-Segretarju tal-Istat indika li, "[j]ekk id-dokumenti ta' sostenn uffiċjali jistgħu jkunu meħtieġa u li r-refuġjat ma għandux dawn f'idejh, mingħajr ma jagħti spjegazzjoni plawżibbli, [l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx] obbligata tikkunsidra provi oħra jew issir intervista li tinkludi mistoqsijiet ta' identifikazzjoni".

27. Min-naħa l-oħra, skont ir-rikorrent, din il-proċedura ma hijiex konformi mal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86. L-ewwel nett, u fid-dawl, b'mod partikolari, tat-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni, Stat Membru ma jistax jiċħad applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja għas-sempliċi raġuni li l-isponsor ma pprovdiex id-dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jiċċertifikaw ir-rabtiet tal-familja. F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu, fil-fatt, jieħu inkunsiderazzjoni provi oħra tal-eżistenza ta' dawn ir-rabtiet, u dan jimplika li jorganizza intervista li tinkludi mistoqsijiet ta' identifikazzjoni. Imbagħad, ir-rikorrent jikkontesta l-interpretazzjoni tas-Segretarju tal-Istat fejn l-użu

8 Iktar 'il quddiem is-"Segretarju tal-Istat".

9 Rapport dwar l-Informazzjoni fuq il-pajjiż ta' oriġini, l-Eritrea, Studju tal-Pajjiż, Mejju 2015, disponibbli fl-indirizz tal-Internet li ġej: https://coi.easo.europa.eu/administration/easo/PLib/EASO-Eritrea-Country-Focus-FR.pdf u espressament imsemmi mis-Segretarju tal-Istat fl-ittri indirizzati lill-isponsor, li ġew annessi mal-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Ara, dwar il-ħolqien tal-EASO, ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU 2010, L 132, p. 11).

tat-terminu "jista'" jkun ifisser li l-isponsor għandu jagħti spjegazzjoni plawżibbli dwar il-fatt li ma għandux, ma kellux u ma setax ikollu dokumenti ta' sostenn uffiċjali. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent jenfasizza li, fil-każ li tali interpretazzjoni tiġi aċċettata mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ispjegazzjonijiet li ngħataw dwar l-assenza ta' atti tal-mewt tal-ġenituri bijoloġiċi tal-minuri kkonċernat ikunu plawżibbli f'dan il-każ.

28. Il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86 u, b'mod partikolari, tal-ewwel frażi tas-sentenza tiegħu "[f]ejn refuġjat ma jistax jipprovdi xiehda dokumentarja uffiċjali tar-relazzjoni familjali". Hija tirrileva, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma pprovdiex b'mod speċifiku għal test ta' plawżibbiltà u lanqas għal marġni ta' diskrezzjoni min-naħa tal-Istati Membri. Hija madankollu tistaqsi jekk it-terminu "jista'" jfissirx li r-refuġjat jipprovdi spjegazzjoni plawżibbli għall-fatt li huwa ma kkomunikax u għadu ma jistax jkollu dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jiċċertifikaw dawn ir-rabtiet. Fuq dan il-punt, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-prinċipji li jirregolaw l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, li skont dawn jista' jitqies, matul dak l-eżami, il-fatt li l-applikant tassew għamel sforz biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu u pprovda spjegazzjoni sodisfaċenti għall-assenza ta' provi li juru l-eżistenza ta' riskju ta' persekuzzjoni jew ta' preġudizzju gravi fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

## *C. Id-domandi preliminari*

29. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, ir-Rechtbank Den Haag, zittingplaats Haarlem (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Haarlem) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fid-dawl tal-Artikolu 3(2)(ċ) tad-[Direttiva 2003/86] u tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Nolan (C-583/10, EU:C:2012:638), il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari tal-qrati Olandiżi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva f'kawża li tikkonċerna d-dritt ta' residenza ta' membru tal-familja ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja jekk, fid-dritt Olandiż, din id-direttiva ġiet iddikjarata direttament u inkundizzjonalment applikabbli għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja?

2) L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja mressqa minn refuġjat, unikament minħabba li ma jipprovdix, fil-kuntest tal-applikazzjoni tiegħu, dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jattestaw rabtiet tal-familja,

jew

l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix iċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja mressqa minn refuġjat immotivata unikament minħabba l-assenza ta' dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jattestaw rabtiet tal-familja ħlief jekk ir-refuġjat ikun ta spjegazzjoni plawsibbli għall-fatt li ma pprovdiex dawn id-dokumenti ta' sostenn u għall-affermazzjoni tiegħu li għadu ma jistax jipproduċihom?"

30. Ir-rikorrent, flimkien mal-isponsor, kif ukoll il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u orali.

31. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, sa mill-preżentata ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tiddeċiedi dwar domanda identika għall-ewwel domanda fis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, K u B (C-380/17, EU:C:2018:877), u ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni.

## IV. Analiżi

32. Qabel ma jsir l-eżami tat-tieni domanda li l-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi ppreċiżat li t-termini tagħha huma kkontestati mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi.

33. Fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi isostni li l-premessa li fuqha hija bbażata t-talba għal deċiżjoni preliminari hija żbaljata. B'mod partikolari, huwa jikkunsidra li l-formulazzjoni tagħha ma tirriflettix ir-realtà tal-proċedura segwita fil-kawża prinċipali. Kuntrarjament għall-kliem tad-domanda preliminari, is-Segretarju tal-Istat ma llimitax ruħu li sempliċiment jiċħad l-applikazzjoni magħmula mill-isponsor għas-sempliċi raġuni li ma bagħtitx dokumenti uffiċjali u lanqas ma pprovdiet l-ebda spjegazzjonijiet plawżibbli dwar l-assenza ta' dawn id-dokumenti. Fil-fatt, qabel ma għamel tali ċaħda, is-Segretarju tal-Istat allegatament adotta diversi miżuri istruttorji matul il-proċedura ta' eżami billi tqiesu provi oħra, bħaċ-ċertifikazzjoni tal-Front ta' Liberazzjoni tal-Eritrea, u billi saru mistoqsijiet addizzjonali lill-isponsor biex jiġu stabbiliti r-raġunijiet u n-natura tar-rabtiet li jorbtuha mal-minuri kkonċernat.

34. Quddiem il-qorti tar-rinviju, bħal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-isponsor fir-realtà tikkritika lis-Segretarju tal-Istat li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, ċaħad l-applikazzjoni tagħha għal riunifikazzjoni tal-familja mingħajr ma qabel laqa' t-talba tagħha intiża biex tiġi organizzata intervista li tinkludi mistoqsijiet ta' identifikazzjoni. Din hija miżura ta' investigazzjonijiet addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/86.

35. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn l-elementi, naħseb li t-tieni domanda li l-qorti tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja hija essenzjalment intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja magħmula mill-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fl-assenza ta' dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jiċċertifikaw ir-rabtiet tal-familja, awtorità nazzjonali kompetenti tista', skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86, tiċħad tali applikazzjoni mingħajr ma jittieħdu miżuri ta' investigazzjonijiet addizzjonali, meta dan ma jispjegax b'mod plawżibbli għaliex huwa ma jistax jipprovdi dokumenti bħal dawn.

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

36. Qabel ma nipproċedi għall-interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86, nixtieq nagħmel xi osservazzjonijiet preliminari dwar id-diffikultajiet partikolari li tqajjem din il-kawża.

37. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "familja" fil-kuntest tad-Direttiva 2003/86.

38. Jirriżulta mill-premessa 9 u mill-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva li r-riunifikazzjoni tal-familja għandha tirrigwarda, fi kwalunkwe każ, il-membri tal-familja nukleari, jiġifieri l-konjuġi u t-tfal minuri, inklużi tfal adottati skont deċiżjoni meħuda mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat jew deċiżjoni eżegwibbli *ipso jure* bis-saħħa ta' obbligi internazzjonali [10].

39. Fir-rigward, b'mod partikolari, tar-riunifikazzjoni tal-familja ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, mill-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/86 jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-riunifikazzjoni "ta' membri oħra tal-familja li ma jirreferix għalihom l-Artikolu 4, jekk huma dipendenti fuq ir-refuġjat". F'dan il-kuntest, il-leġiżlazzjoni tal-Pajjiżi l-Baxxi tawtorizza r-riunifikazzjoni tal-familja tal-pupilli li magħhom l-isponsor għandu relazzjonijiet familjari effettivi.

10 Skont il-premessa 10 u l-Artikolu 4(2) u (3) tad-Direttiva 2003/86, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-riunifikazzjoni tal-familja għal axxendenti f'linja diretta, tfal adulti mhux miżżewġa, l-imsieħba mhux miżżewġin jew f'unjoni kif ukoll, fil-każ ta' żwieġ poligamu u taħt ċerti kundizzjonijiet, it-tfal minuri ta' konjuġi ieħor jew tal-isponsor.

40. Sa fejn l-eżistenza tal-familja tinkludi neċessarjament dik tar-rabta tal-familja, li hija rabta ġuridika partikolari, il-benefiċċju tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja jimplika li għandha tintwera l-eżistenza ta' din ir-rabta tal-familja u, fil-każ li jkun hemm pupill, l-effettività ta' din ir-rabta. Din ir-rabta hija, bħala prinċipju, stabbilita permezz ta' dokumenti uffiċjali fformulati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini.

41. Huwa fuq dan il-punt li l-kawża prinċipali tqajjem diffikultajiet, peress li l-isponsor ma ppreżentat ebda dokument uffiċjali li jista' jiċċertifika l-eżistenza u l-effettività ta' din ir-rabta tal-familja mal-minuri kkonċernat, minkejja li huma meħtieġa għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86. It-"tutela" li hija ssostni li teżerċita fuq dan il-wild tidher, fir-realtà, iktar bħala impenn konswetudinarju u volontarju li tieħu ħsieb il-manteniment, l-edukazzjoni u l-protezzjoni ta' wild li huwa membru tal-familja estiża. Issa, f'sitwazzjoni bħal din u sabiex jitħarsu bl-aħjar mod l-interessi ta' dan il-wild, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ġenituri bijoloġiċi huma fil-fatt mejtin u li għandu rabta familjari effettiva mal-isponsor, sabiex ikun evitat li jiġi espost għal riskju ta' abbuż jew sfruttament.

42. Issa li l-karatteristiċi partikolari ta' din il-kawża ġew enfasizzati, għandhom jiġu eżaminati r-regoli u l-prinċipji li jirregolaw il-prova tar-rabtiet tal-familja fis-sens tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86.

### *B. Ir-regoli u l-prinċipji li jirregolaw il-prova tar-rabtiet tal-familja fis-sens tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86*

43. Fil-kuntest tal-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja organizzata mid-Direttiva 2003/86, il-leġiżlatur tal-Unjoni jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' sistemi rigward il-prova tar-rabta tal-familja.

44. L-ewwel waħda hija sistema ġenerali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li l-kundizzjonijiet materjali għaliha huma elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' din id-direttiva.

45. Din id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-isponsor jehmeż mal-applikazzjoni tiegħu dokumenti li jippruvaw ir-rabtiet tal-familja. Madankollu, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' tqis li dawn id-dokumenti ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawn ir-rabtiet u tista' għalhekk tiddeċiedi li tagħmel intervisti mal-isponsor u mal-membri tal-familja tiegħu kif ukoll kwalunkwe investigazzjoni li tikkunsidra meħtieġa [11]. F'konformità mad-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/86 [12], il-leġiżlatur tal-Unjoni irid hawnhekk jissielet kontra l-applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja frawdolenti jew abbużivi, ibbażati pereżempju, fuq żwiġijiet ta' konvenjenza jew rikonoxximenti tal-paternità frawdolenti jew fittizji, billi, lil hinn mill-komunikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali, isiru investigazzjonijiet addizzjonali biex juru jew le r-realtà u l-effettività tar-rabta tal-familja.

46. It-tieni hija sistema partikolari għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li l-kundizzjonijiet materjali tagħha huma, min-naħa tagħhom, previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/86.

11 Jirriżulta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar gwida għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja [COM (2014) 210 final, iktar 'il quddiem il-"linji gwida") li, għal kull applikazzjoni, mad-dokumenti ta' sostenn li jakkumpanjawha u n-natura "neċessarja" ta' intervisti u ta' investigazzjonijiet oħra għandhom jiġu evalwati fuq bażi ta' każ b'każ, fil-kuntest ta' eżami individwali tal-applikazzjoni (punt 3.2., p. 10).

12 Skont l-Artikolu 16(1), (b) u (ċ) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiċħdu applikazzjoni għad-dħul jew għar-residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja meta l-isponsor u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha ma jgħixux jew m'għadhomx jgħixu f'relazzjoni reali ta' żwieġ jew ta' familja jew fejn jinstab li l-isponsor jew is-sieħeb/sieħba mhux miżżewweġ/miżżewġa huwa/hija miżżewweġ/miżżewġa jew qiegħed/qiegħda f'relazzjoni stabbli twila ma' persuna oħra. Skont il-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni, huma jistgħu wkoll jiċħdu tali applikazzjoni jekk jiġi stabbilit li ntużat informazzjoni falza jew qarrieqa, dokumenti foloz jew iffalsifikati, li kien hemm frodi jew użu ta' mezzi oħra illegali jew li ż-żwieġ, is-sħubija jew l-adozzjoni saru biss għall-għan li jkun possibbli għall-persuna kkonċernata li tidħol jew li toqgħod fi Stat Membru.

47. Din is-sistema għandha tippermetti li tiġi ggarantita l-effettività tad-dritt għall-ħajja tal-familja normali billi tgħaqqad flimkien lil dawk il-membri ta' familja li, minħabba ċ-ċirkustanzi fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, ħarbu minn persekuzzjonijiet u perikoli serji u ġew isseparati minħabba ċaqliq sfurzat jew ħarba.

48. Minħabba d-diffikultajiet partikolari li dawn tal-aħħar jaffaċċjaw biex jipproduċu jew biex jiġbru mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom dokumenti uffiċjali, din is-sistema tipprovdi, skont il-premessa 8 tad-Direttiva 2003/86 u skont il-linja tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-kundizzjonijiet sabiex jintwerew ir-rabtiet tal-familja, li għandhom neċessarjament ikunu iktar "favorevoli" għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt [13].

49. Għalhekk, meta benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jippreżenta applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja, id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2003/86 għandhom japplikaw, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikolu 11(2) ta' din id-direttiva.

50. Dan l-aħħar artikolu jipprevedi regoli speċjali "[f]ejn refuġjat ma jistax jipprovdi xiehda dokumentarja uffiċjali tar-relazzjoni familjali".

51. Fl-ewwel lok, mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86 jirriżulta li l-Istati Membri huma obbligati jieħdu inkunsiderazzjoni "xiehda oħra" tal-eżistenza ta' dawn ir-rabtiet [14]. Dawn għandhom ikunu evalwati skont id-dritt nazzjonali [15]. Madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri ma jistax jintuża b'mod li jkun hemm riskju ta' preġudizzju għall-għan tad-Direttiva 2003/86, li huwa li jaġġusta s-sistema tal-prova għad-diffikultajiet partikolari li l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jistgħu jaffaċċjaw. Għalhekk, dawn il-provi għandhom ikunu realistiċi u adattati għas-sitwazzjoni konkreta li fiha jinsabu l-persuni kkonċernati [16].

52. Fit-tieni lok, jirriżulta espressament mit-termini tat-tieni sentenza tal-Artikolu 11(2) ta' din id-direttiva, "[d]eċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni tista' ma tkunx ibbażata biss [ma tistax tkun ibbażata biss] fuq il-fatt li provi dokumentati jkunu nieqsa". Fil-fehma tiegħi, ma hemm l-ebda dubju li l-leġiżlatur tal-Unjoni hawnhekk qed jirreferi għad-dokumenti ta' sostenn uffiċjali. Din id-dispożizzjoni taqa' fil-loġika tal-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet billi tistabbilixxi projbizzjoni ċara u inkundizzjonata li l-assenza ta' dokumenti li jippruvaw l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja ma għandhiex fiha nnifisha tikkostitwixxi raġuni għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja. Din id-dispożizzjoni tidħol wkoll fil-linja tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill tal-Ewropa [17], u mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) [18].

13 Ara, f'dan ir-rigward, il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-Unjoni Ewropea (Direttiva 2003/86) (KUMM (2011) 735 finali), b'mod partikolari l-punt 4.2, "Kwistjonijiet oħra relatati mal-ażil" (p. 7), kif ukoll il-linji gwida, b'mod partikolari l-punt 6.1.2. (p. 23 u 24). Ara wkoll, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 10 ta' Lulju 2014, Mugenzi vs Franza (CE:ECHR:2014:0710JUD005270109, punt 54).

14 Dan l-obbligu huwa wkoll konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jew il-Qorti EDB, 10 ta' Lulju 2014, Tanda-Muzinga vs Franza (CE:ECHR:2014:0710JUD000226010, punt 79).

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248, punti 42 u 45).

16 Skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/86, l-Istati Membri jistgħu jintervistaw lill-isponsor u l-membri tal-familja tiegħu kif ukoll issir kwalunkwe investigazzjoni li titqies meħtieġa. Fil-punt 6.1.2. tal-linji gwida tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza li "xhieda oħra" tal-eżistenza ta' rabtiet tal-familja tista' tikkonsisti f'dikjarazzjonijiet bil-miktub jew orali mill-applikant, intervisti ma' membri tal-familja jew investigazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni barra mill-pajjiż. Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu kkorroborati b'dokumenti ta' sostenn bħal materjal awdjoviżiv, dokumenti fiżiċi bħal diplomi jew il-prova ta' trasferiment ta' fondi. Il-Kummissjoni tenfasizza li fejn jibqgħu jippersistu dubji serji wara l-eżami tat-tipi oħra ta' prova jew li hemm indikazzjonijiet qawwija ta' intenzjoni frawdolenti, jistgħu jintużaw testijiet tad-DNA bħala l-aħħar soluzzjoni, peress li testijiet bħal dawn ma jistgħux jippruvaw ir-relazzjoni tal-membri tal-familja estiża jew dipendenti, partikolarment fil-każ ta' adozzjoni (p. 23).

17 Ara f'dan ir-rigward, ir-Rakkomandazzjoni Nru R(99)23 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja għar-refuġjati u persuni oħra li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, adottata fil-15 ta' Settembru 1999.

18 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjoni Nru 24 tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Programm tal-Kummissarju Għoli adottata fit-32 sessjoni tiegħu, disponibbli fl-indirizz tal-Internet li ġej:
http://www.unhcr.org/publications/legal/41b041534/compilation-conclusions-adopted-executive-committee-international-protection.html (p. 43).

53. Issa, il-kwistjoni li tqajjem din il-kawża hija dik dwar jekk, fil-kuntest ta' talba għal riunifikazzjoni tal-familja li ma hija sostnuta minn ebda dokument uffiċjali li jiċċertifika l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja, Stat Membru jistax jissuġġetta l-użu tal-miżuri ta' investigazzjonijiet addizzjonali msemmija fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/86 bil-kundizzjoni li l-isponsor jispjega b'mod plawżibbli r-raġunijiet għaliex ma jistax jipprovdi dawn id-dokumenti.

## *C. L-obbligu li għandu l-isponsor li jagħti spjegazzjoni plawżibbli fir-rigward tal-assenza ta' dokumenti uffiċjali li jiċċertifikaw rabtiet tal-familja*

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li ma jeżisti ebda dritt suġġettiv għall-membri ta' familja sabiex jiġu ammessi fit-territorju tal-Istati Membri u li, skont id-Direttiva 2003/86, dawn tal-aħħar għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni meta jeżaminaw applikazzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja u jistgħu jagħmlu kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt [19].

55. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet ukoll li din il-possibbiltà għandha tiġi interpretata b'mod strett, billi l-awtorizzazzjoni tar-riunifikazzjoni tal-familja tibqa' r-regola u ma għandhiex tintuża minnhom b'mod li jippreġudika l-għan tad-Direttiva 2003/86 [20].

56. F'dan il-każ, ir-rekwiżit stabbilit mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, għalkemm ma jirriżultax espressament mill-kliem tad-Direttiva 2003/86, jidħol perfettament fil-qafas tal-kooperazzjoni li għandha tiġi stabbilita bejn l-isponsor u l-awtorità nazzjonali kompetenti għall-finijiet tal-eżami ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata fl-assenza ta' dokumenti ta' sostenn uffiċjali u jippermetti li jintlaħqu, jekk jiġi implimentat f'konformità mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti minn dik id-direttiva, l-għanijiet tagħha mingħajr ma, madankollu, tiġi ppreġudikata s-sistema partikolari li għandhom il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

### *1. L-obbligu inkwistjoni jaqa' fi ħdan id-dmir ta' kooperazzjoni fuq l-isponsor fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ppreżentata fl-assenza ta' dokumenti ta' sostenn uffiċjali*

57. Kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 5(2) u tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86, l-oneru tal-prova jaqa', l-ewwel nett, fuq l-applikant. Tabilħaqq huwa dan li jibda l-proċedura sabiex jibbenefika minn dritt u huwa wkoll l-unika persuna li jkollu dokumenti ta' sostenn uffiċjali biex jappoġġa d-dikjarazzjonijiet tiegħu u jistabbilixxi l-eżistenza tar-rabtiet tal-familja ddikjarati, li, finalment, fuqhom tiddependi l-applikazzjoni tiegħu.

58. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jqiegħed wkoll obbligu ta' kooperazzjoni fuq l-Istati Membri. Għaldaqstant, minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li, fil-każ fejn il-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali ma jkunx jista' jipproduċi dokumenti uffiċjali li jiċċertifikaw rabtiet tal-familja, l-Istat Membru huwa obbligat, skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86, jieħu inkunsiderazzjoni provi oħra tal-eżistenza ta' dawn ir-rabtiet u jista', barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(2) ta' din id-direttiva, iwettaq investigazzjonijiet addizzjonali bħal intervisti mal-isponsor u l-membri tal-familja tiegħu u kwalunkwe investigazzjoni li jqis bħala meħtieġa.

59. Huwa fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni u sabiex tiżvolġi tajjeb li l-awtorità nazzjonali kompetenti tista', fil-fehma tiegħi, titlob lill-isponsor jispjega r-raġunijiet li għalihom huwa ma jista' jipprovdi l-ebda dokument ta' stat ċivili li jiċċertifika l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja u tista', fil-fehma tiegħi, tagħti importanza partikolari lin-natura plawżibbli ta' din l-ispjegazzjoni.

19 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, EU:C:2006:429, punt 59), u tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et* (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 79).

20 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, O *et* (C-356/11 u C-357/11, EU:C:2012:776, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60. Fil-fatt, jekk is-sistema ta' prova prevista fl-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86 għandha effettivament l-għan li tadatta, favur benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, is-sistema probatorja applikabbli biex jintwerew ir-rabtiet tal-familja permezz ta' regoli iktar flessibbli, għandu jkun hemm xorta obbligi fuq dawn tal-aħħar sabiex, skont it-termini tal-Artikolu 16 ta' din id-direttiva, jiġi evitat li l-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja tiġi użata b'mod abbużiv jew frawdolenti, biex ikun hemm evażjoni tar-regoli dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi Stat Membru, jew b'mod malizzjuż billi t-tfal jiġu esposti għal riskji ta' abbuż, ta' sfruttament jew ta' ttraffikar [21].

61. F'dawn il-kundizzjonijiet, meta l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jiddeċiedi li jibda proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja minkejja l-assenza ta' kull dokument uffiċjali li jiċċertifika l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja, l-oneru tal-prova li jkollu fuqu jfisser, għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, li dan għandu jispjega r-raġunijiet li għalihom huwa ma jistax jipprovdi dokumenti bħal dawn.

62. Fil-fatt, wieħed ma jistax jeżiġi li l-awtorità nazzjonali kompetenti twettaq l-eżami ta' dik l-applikazzjoni permezz ta' miżuri ta' investigazzjonijiet addizzjonali, filwaqt li l-isponsor ma jkun ipprovda l-ebda att ta' stat ċivili li jiċċertifika l-eżistenza ta' rabta ta' familja u ma jkun ifformula, minkejja l-passi li ħadet u l-mezzi li poġġietlu għad-dispożizzjoni tiegħu, ebda spjegazzjoni sodisfaċenti.

63. Għalhekk, għalkemm l-isponsor ma għandux ikun meħtieġ jipprova l-effettività tar-rabta tal-familja permezz ta' dokumenti uffiċjali, għandu madankollu jagħmel sforz biex jispjega, b'mod suffiċjentement dettaljat u speċifiku, ir-raġunijiet li għalihom ma jkollux disponibbli dawn id-dokumenti. Dan għandu jippermettilu juri li l-applikazzjoni tibqa' leġittima, minkejja l-assenza tal-imsemmija dokumenti, u li l-eżami tagħha teħtieġ il-kooperazzjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex jitlaqqgħu flimkien l-elementi kollha ta' natura li tiċċertifika l-eżistenza ta' dawn ir-rabtiet [22].

64. Huwa għalhekk fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-isponsor u, fejn xieraq, tal-provi l-oħra, li l-awtorità nazzjonali kompetenti tkun f'pożizzjoni li tiddistingwi bejn is-sitwazzjoni fejn din l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda mill-ewwel, minħabba li hija manifestament bla bażi jew minħabba li hija frawdolenti jew abbużiva, minn dik li, fiha, l-isponsor għandu jiġi assistit permezz ta' miżuri ta' investigazzjonijiet addizzjonali għaliex hemm raġunijiet serji biex wieħed jaħseb li ma jinsabx f'pożizzjoni li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu dokumenti uffiċjali.

65. Huwa ċar li r-rekwiżiti meħtieġa għall-finijiet tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-isponsor għandhom ikunu proporzjonati sabiex ma jitpoġġiex fuqu oneru eċċessiv meta mqabbel ma' dak li huwa neċessarju biex tintwera l-inkapaċità tiegħu.

66. Il-livell ta' dawn ir-rekwiżiti għandu, għalhekk, jiddependi fuq in-natura kif ukoll il-livell tad-diffikultajiet li bihom huwa affrontat l-isponsor b'mod konkret biex jipproduċi dokumenti uffiċjali. Għalkemm l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' b'hekk titlob spjegazzjonijiet dettaljati u speċifiċi meta jkun stabbilit li l-isponsor jista' jikseb il-komunikazzjoni ta' dawn id-dokumenti, hija għandha, fl-opinjoni tiegħi, tnaqqas il-livell tar-rekwiżiti tagħha fejn jirriżulta li l-kisba ta' dawn id-dokumenti ma jkunx possibbli minħabba, pereżempju, l-ineżistenza jew nuqqasijiet serji tal-istat ċivili fil-pajjiż ta' oriġini tal-isponsor.

67. Issa, għandu jiġi rrilevat li obbligu bħal dak stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni huwa obbligu previst fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għal-protezzjoni internazzjonali.

21 Skont il-linji gwida tagħha, il-Kummissjoni barra minn hekk għamlitha ċara li, fl-interess tas-soċjetà u tal-applikanti leġittimi, huwa imperattiv li l-Istati Membri jieħdu miżuri sodi kontra l-abbużi u l-frodi fir-rigward tad-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 2003/86 (ara, b'mod partikolari, il-punt 7.3 "Abbuż u frodi", p. 27).

22 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista' jkun f'pożizzjoni aħjar mill-applikant biex jikseb aċċess għal ċerti tipi ta' dokumenti (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, M., C-277/11, EU:C:2012:744, punt 66).

*2. L-obbligu inkwistjoni jaqa' taħt l-obbligi tal-applikant fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali*

68. Il-proċedura ta' eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u dik dwar applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja għandhom, ċertament, għanijiet distinti. L-ewwel waħda hija intiża għar-rikonoxximent tal-istatus ta' rifuġjat jew ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja lil min huwa espost għal atti ta' persekuzzjoni jew riskju ta' preġudizzju gravi fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu. It-tieni waħda hija intiża li tiġbor flimkien membri tal-familja tal-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, li xxerdu waqt spostament furzat jew ħarba.

69. Dawn il-proċeduri għandhom madankollu karatteristiċi komuni marbuta mal-identità tal-applikant u mas-sitwazzjoni partikolari ħafna li jinsab fiha, u dan jispjega mingħajr dubju għaliex il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirreferi għall-ġurisprudenza tagħha dwar il-prova ta' riskju ta' persekuzzjonijiet fil-każ ta' ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini (applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali) biex jiġu stabbiliti l-oneru u l-livell ta' prova meħtieġa sabiex jintwerew ir-rabtiet tal-familja (applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja) [23].

70. Għalhekk, fiż-żewġ proċeduri, il-kooperazzjoni li għandha tiġi stabbilita bejn l-applikant u l-awtorità nazzjonali kompetenti hija bbażata fuq postulat identiku, jiġifieri li l-applikant għal protezzjoni internazzjonali jew il-benefiċjarju tagħha ma jkunx jista', minħabba l-fatt li huwa kien imġiegħel jaħrab mill-pajjiż tal-oriġini tiegħu, ikollu f'idejh dokumenti uffiċjali li jiċċertifikaw, b'mod partikolari, l-identità tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu jew anki l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja.

71. Issa, fil-kuntest ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-applikant għandu, skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2013/32/UE [24], l-obbligu li jikkoopera mal-awtorità nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari sabiex jiġu stabbiliti l-identità tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu, kif ukoll ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tiegħu, li jimplika li jingħataw, skont din, sa fejn ikun possibbli, l-ispjegazzjonijiet u l-informazzjoni mitlubin [25]. Dawn huma elementi essenzjali u neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni.

72. Dan l-obbligu huwa marbut ma' dak stabbilit fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2011/95/UE [26], dwar l-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li għandha tagħmel l-awtorità nazzjonali kompetenti għall-finijiet tal-eżami ta' applikazzjoni bħal din. Dan l-artikolu jipprovdi, fil-fatt, li, fejn ċerti aspetti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant ma humiex appoġġjati minn dokumenti jew provi oħra, dawk l-aspetti ma għandhomx jeħtieġu konferma meta b'mod partikolari l-applikant ikun għamel sforz ġenwin sabiex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu, meta huwa ppreżenta l-fatti rilevanti kollha u pprovda spjegazzjoni "sodisfaċenti" fir-rigward tal-assenza ta' provi [27], meta dawn id-dikjarazzjonijiet tqiesu li huma koerenti u plawżibbli u ma humiex f'kontradizzjoni mal-informazzjoni ġenerali u speċifika magħrufa u rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu.

73. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, inqis, għalhekk, li l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86 jista' jiġi interpretat fis-sens li awtorità nazzjonali kompetenti għandha d-dritt li tirrikjedi li l-isponsor jipprovdi spjegazzjoni plawżibbli meta dan tal-aħħar jonqos milli jipprovdi dokumenti ta' sostenn uffiċjali li jiċċertifikaw l-eżistenza ta' rabtiet tal-familja.

23 Ara, f'dan ir-rigward, il-Qorti EDH, 10 ta' Lulju 2014, Tanda-Muzinga vs Franza (CE:ECHR:2014:0710JUD000226010, punt 69).

24 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU 2013, L 180, p. 60).

25 Ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, K. (C-18/16, EU:C:2017:680, punt 38).

26 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

27 Ara s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018, F (C-473/16, EU:C:2018:36, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74. Madankollu, għandha tiġi ddelinjata s-setgħa diskrezzjonali li għandha, għal dan il-għan, din l-awtorità.

### *D. L-obbligi tal-awtorità nazzjonali kompetenti fil-kuntest tal-eżami tan-natura plawżibbli tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-isponsor*

75. L-awtorità nazzjonali biss hija kompetenti sabiex tevalwa, taħt il-kontroll tal-qorti nazzjonali, l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-isponsor. Madankollu, din għandha timplimenta dan l-obbligu b'osservanza tar-rekwiżiti proċedurali tad-Direttiva 2003/86 u, b'mod partikolari, dawk imsemmija fl-Artikolu 17 tiegħu.

76. Għalhekk, għalkemm l-isponsor għandu jispjega, b'mod plawżibbli, ir-raġunijiet li għalihom ma jkunx jista' jiċċertifika, permezz ta' dokumenti uffiċjali, l-eżistenza ta' rabta familjari, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha, min-naħa tagħha, tagħmel eżami xieraq tal-ispjegazzjonijiet mogħtija minn dan tal-aħħar.

77. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86 [28], l-awtorità nazzjonali għandha twettaq evalwazzjoni individwali li għandha tqis mhux biss informazzjoni ġenerali u speċifika rilevanti dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tal-isponsor, imma wkoll il-personalità tiegħu, is-sitwazzjoni konkreta tiegħu u d-diffikultajiet partikolari li dan ikollu quddiemu [29].

78. Dan il-metodu jippermetti li tiġi ddelinjata evalwazzjoni li tibqa' bi stampa ta' suġġettività, u dan minkejja l-fatti li fuqhom għandha tkun ibbażata.

79. Minn naħa, l-ispjegazzjonijiet dwar l-inkapaċità tal-isponsor li jipprovdi att uffiċjali li jipprova r-rabta tal-familja għandhom jiġu evalwati b'mod oġġettiv fir-rigward tal-informazzjoni kemm ġenerali kif ukoll speċifika dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Din għandha tkun informazzjoni rilevanti, oġġettiva, affidabbli, preċiża u aġġornata li tista' tiġi elenkata f'rapporti mħejjija minn amministrazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, b'mod partikolari, mill-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa jew li jaqgħu taħt is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, imma anki deċiżjonijiet ġudizzjarji internazzjonali, bħalma huma s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [30]. Fil-kuntest ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja li ma tinkludi l-ebda att uffiċjali li juri l-eżistenza ta' relazzjoni ta' familja, tali informazzjoni, li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom aċċess sħiħ għaliha, għandha tippermetti li jiġi evalwat il-funzjonament tas-servizzi tal-istat ċivili tal-pajjiż tal-oriġini u, b'mod partikolari, ir-realtà ta' nuqqasijiet li jaffettwaw ċerti lokalitajiet ta' dak il-pajjiż jew ċerti gruppi ta' persuni.

80. Dan il-metodu huwa dak magħżul mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

28 Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 6.1.2. u 7.4. tal-linji gwida tal-Kummissjoni.

29 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, Chakroun (C-578/08, EU:C:2010:117), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtorità nazzjonali kompetenti tiċħad applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja mingħajr ma jsir eżami konkret tas-sitwazzjoni tal-applikant. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi ammont minimu ta' dħul li taħtu kienet tiġi rrifjutata kwalunkwe riunifikazzjoni tal-familja tikser din id-direttiva, sa fejn l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja tiġi miċħuda indipendentement "minn eżami konkret tas-sitwazzjoni ta' kull applikant" (punt 48).

30 Hawnhekk nirreferi, b'analoġija, għall-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198), dwar l-informazzjoni li fuqha l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jibbażaw ruħhom sabiex tiġi evalwata r-realtà ta' nuqqasijiet fis-sistema penitenzjarja fi Stat Membru. Jidhirli li dawn il-kriterji huma *a fortiori* rilevanti għall-evalwazzjoni tal-funzjonament tas-servizzi tal-istat ċivili ta' Stat.

81. B'hekk, skont l-Artikolu 4(3)(a) tad-Direttiva 2011/95, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-evalwazzjoni individwali ta' applikazzjoni filwaqt li jiġu kkunsidrati l-fatti kollha rilevanti dwar il-pajjiż ta' oriġini, inklużi l-liġijiet u r-regolamenti ta' dak il-pajjiż u kif dawn għandhom jiġu applikati. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(5)(c) tad-Direttiva 2011/95, in-natura plawżibbli u koerenti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-informazzjoni ġenerali u speċifika magħrufa u rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu [31].

82. Sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti fuq bażi ta' kuljum u sabiex tinkiseb armonizzazzjoni tal-proċeduri għall-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri, l-EASO ngħata l-kompitu li jipproduċi rapporti ta' informazzjoni li jinkludu eżami, skont is-suġġett, tas-sitwazzjoni fil-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali. Dawn ir-rapporti għandhom ikunu bbażati fuq ġabra ta' informazzjoni "rilevanti, affidabbli, eżatta u aġġornata" dwar il-pajjiżi ta' oriġini, billi jintużaw is-sorsi rilevanti kollha ta' informazzjoni, b'mod partikolari minn organizzazzjonijiet governattivi, mhux governattivi u internazzjonali [32].

83. F'din il-kawża, is-Segretarju tal-Istat għalhekk, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tiegħu, irrefera għat-taqsima "dokumenti uffiċjali dwar l-istat ċivili" tar-rapport ta' informazzjoni tal-EASO dwar l-Eritrea [33].

84. Madankollu hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiżgura li dan l-istudju jista' jkun sors ta' informazzjoni suffiċjenti għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni u jippermetti b'mod partikolari li tittieħed informazzjoni affidabbli u preċiża dwar ir-realtà tal-funzjonament tal-istat ċivili f'żoni rurali u/jew fil-lokalità ta' oriġini tal-isponsor, il-ħruġ ta' atti tal-mewt u ta' atti tat-tutela u sa fejn hija tista' konkretament, u skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, titlob l-atti ta' stat ċivili fil-pajjiż ta' oriġini tagħha jew fir-rappreżentazzjonijiet diplomatiċi ta' dan tal-aħħar.

85. Min-naħa l-oħra, l-ispjegazzjonijiet relatati mal-inkapaċità tal-isponsor li jipprovdi att uffiċjali li jipprova r-rabta tal-familja għandhom jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-istatus individwali u s-sitwazzjoni personali tiegħu, u dan skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/86 u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rapport ta' informazzjoni tal-EASO fil-fatt ma jiħux post ta' eżami individwali tal-applikazzjoni biex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet li għandu l-isponsor.

86. L-età u, b'mod partikolari, il-fatt li l-isponsor ikun minuri jew le, is-sess, il-livell tal-edukazzjoni, l-oriġini u l-istatus soċjali, imma wkoll ir-raġunijiet li ġġustifikaw l-għoti tal-protezzjoni internazzjonali u t-trawmi mġarrba jistgħu jikkostitwixxu, b'hekk, fatturi li għandhom jitqiesu sabiex jiġu evalwati r-raġunijiet għalfejn huwa ma jkollux dokumenti uffiċjali u jiġi evalwat il-livell tad-diffikultajiet li dan jista' jaffaċċja.

87. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, nikkonkludi li l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86 ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti tagħmel eżami xieraq tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-isponsor, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss informazzjoni rilevanti, kemm ġenerali kif ukoll speċifika, dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini ta' dan tal-aħħar, imma wkoll is-sitwazzjoni partikolari li dan jinsab fiha.

31 Skont l-Artikolu 4(5)(c) tad-Direttiva 2011/95, "[f]ejn Stati Membri japplikaw il-prinċipju skont liema huwa d-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant mhumiex appoġġjati minn xhieda dokumentarja jew xhieda oħra, dawk l-aspetti m'għandhomx jeħtieġu konferma, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin [...] id-dikjarazzjonijiet tal-applikant jinstabu li huma koerenti u plawsibbli u ma jmorrux kontra *informazzjoni speċifika u ġenerali rilevanti* għall-każ tal-applikant" (il-korsiv huwa miżjud)

32 Ara l-Artikolu 4(a) u (b) tar-Regolament Nru 439/2010.

33 Ara r-riferimenti għal dan ir-rapport fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## V. Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għat-tieni domanda preliminari magħmula mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Haarlem (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Haarlem, il-Pajjiżi l-Baxxi):

L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali huwa obbligat, għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, jispjega b'mod plawżibbli għaliex huwa ma jistax jipprovdi dokumenti ta' sostenn uffiċjali tal-eżistenza ta' rabta tal-familja, sakemm l-awtorità nazzjonali kompetenti tevalwa dawn l-ispjegazzjonijiet mhux biss fid-dawl tal-informazzjoni rilevanti, kemm ġenerali kif ukoll speċifika, dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini ta' dan tal-aħħar, imma wkoll fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari li dan jinsab fiha.